# IL-BELT BELAND

No. 3 — LEHEN IL-PARROĊĊA TAŻ-ŻEJTUN — OTTUBRU 1970


# Is-Salib tal-Pjazza

Kif għadda ż-żmien...!
Niftakar qisu 'l bieraħ,
Meta minn dak l-għoli tal-Kalkara,
Kont ngħasses b'ħarsti sħiħa
Matul il-ħâra;
U r-riħ kien imellisni,
Jaħsluni xi ħalbiet,
Tnixxifni x-xmejxa,
U minn dak l-għoli tas-smewwiet
Kien iroxx fuqi l-qamar
Għabra ta' fida:
Dwal u dellijiet!

Rajtu għaddej ilebbet lill-barrani,
U rajt warajh ġejjin ta' ġewwa,
Saquh,
Għelbuh
F'isem is-sewwa;
U bħala xhieda ta' qlubithom,
Qalgħuni bil-ħerqa
U fl-istess ħin bil-ħlewwa...
U hawn qegħduni f'nofs il-misraħ
Biex ngħasses b'ħarsti kullimkien,
Niftakar:
Kollox rajt ġdid għall-ewwel...
Kif għadda ż-żmien!?

Fejn huma dawk l-għenienel
Tan-nisa, xjuħ u żgħar,
Li kienu jgħaddu jħaffu
Mill-knisja lejn id-dar?
Fejn hija dik iċ-ċorma
Ta' xjuħ, mingħajr taħbit,
Fuq iz-zuntier itennu
Il-ġrajja ta' jum ġdid?

Iż-żwiemel kienu jgħaddu ħfief ilebbtu,
Iġorru lil kulħadd,
Għall-Belt, jew għal xi raħal,
Ma jaqtgħu qatt.
Kemm karozzini kont taħt ħarsti nilmaħ,
F'ta' San Girgor l-għodwa ferrieħa,
U nies fuq nies
Kotra sabiħa,
Jintrassu biex jaraw itemm triqitha
Gilwa sħiħa!

Tkarwid,
Għajjat u ħsejjes,
Għodod tan-nar — għodod tas-sħarijiet,
Ħattew u bnew,
Ħaffru w imlew,
U bdew salt xogħolijiet.
Hemmhekk infetħet triq,
Hemmhekk sar misraħ,
Ħattew l-imħarbat u tellaw l-isbaħ djar,
L-għelieqi saru bini,
Fit-triq waqa' l-qatran u kisja żrar.

Għaddew maċ-ċnut
Salt ħjut
Sewdiena,
U 'l barra rmew l-imsiebaħ mingħajr ħniena,
Għax qalu illi għandhom dawl leqqien,
Miġjub mill-bogħod
Bil-lazz sewdien.

Raqdu fit-tul iż-żwiemel,
U ġew minflokhom donnhom djar mixjin,
Iġorru n-nies bil-ħeffa,
Imgħaġġlin.

U jien bqajt hawn,
Nisma' w nara kollox
Bla ma nlissen kliem,
Rajthom in-nies jinġabru madwar kelliem,
Għoġobhom,
Ċapċpulu
Bla telf ta' żmien,
U wara li semgħuh, qalu ħerqana
Li huwa għad imexxi l-gżira tagħna.

Inbidlu ż-żminijiet bikrija
U issa ġie żmien ġdid,
Iżda, għalija m'hawnx moderni u mgħoddi,
Jien nibqa' biex infakkar
F'kemm għamlu ġid
Missirijietna,
X'ħin ħelsu mill-barrani,
U s-Sliema ġiet mill-ġdid.

U issa qiegħed hawn
Ngħannaq ir-raħal,
Għad li qadim nibqa' dejjem sabiħ,
Mixgħul bid-dawl,
Mogħni bil-palm u l-filodendru,
Bil-ħerqa ta' xi xiħ.

12-7-65

Trevor Zahra.
— Żejtun —

# Il-FORTIFIKAZZJONIJIET taz-ŻEJTUN

## It-Torrijiet ta' SAN LUĊJANU u ta' SAN TUMAS

MINN W.R.Z.

Meta l-kavallieri ta' San Ġwann ġew Malta ma sabu ebda fortizza għajr Sant'Anġlu bis-swar fqajrin tal-Birgu, u dawk ta' l-Imdina.

Għalhekk kull meta l-għadu kien jaħbat għal Malta, kullħadd kien jiġri lejn il-Birgu u l-Imdina jew jinħeba ġo xi għerien imwarrba fil-widien bit-tama li jeħilsuha mill-għadu.

Il-Kavallieri sewwew is-swar li sabu u bil-mod il-mod bnew il-fortifikazzjonijiet ta' ma' dwar il-port bil-kobor u l-ġmiel tagħhom.

Iżda għalkemm il-poplu kollu tal-gżira kien jista' jidħol jistkenn il ġewwa minn dawn is-swar, ma kien hemm xejn x'iżomm l-kursari li jinżlu l-art jisirqu, iħarbtu, u jfarrku, għajr ir-riġment tad-dejma u l-kavallerija li ma setgħux ikunu kullimkien il-ħin kollu.

U għalhekk naqraw li kemm il-darba ż-Żejtun sofra minn dawn l-attakki ta' l-għadu. Ir-raħal tagħna bl-irziezet ta' ma' dwaru bosta drabi waqa' vittma ta' dawn il-gwerrer żgħar. Minn jaf kemm żwieten, irġiel nisa u tfal, inġarrew irsiera lejn Tunes u l-Alġier? Minn jaf kemm il-bdiewa tagħna tilfu wċuħ ta' raba' u bhejjem?

Mill-istorja naraw li l-attakki baqgħu sejrin sas-sena 1614 meta nhar il-Ħadd 6 tax-xahar, flotta torka ta' sittin xini fil-għodu kmieni niżżlet sitt elef ruħ fil-bajja ta' San Tumas, magħrufa bħala l-Gżira u baqgħu telgħin lejn iż-Żejtun sa' Bulebel qatlu bosta annimali, ħarqu djar u kemm-il qiegħa, u għamlu ħsara kbira fil-knisja ta' Santa Katerina (san Girgor) fejn kissru l-artali u ħarqu l-apparati mqaddsa u serqu dak li kien igħodd għalihom, tant li għal tlett xhur sħaħ wara ma setgħatx tintuża.

Din il-ġrajja ta' l-aħħar attakk tork fuq Malta hi mfakkra bi skrizzjoni li hemm in-naħa tax-xellug ta' l-artal maġġur f'San Girgor u bi kwadru kbir, "il-qtugħ ir-ras ta' Santa Katarina", li hemm fis-sala l-kbira tal-Mużew tal-Parroċċa.

Issa l-Gran Mastru kien fehem li kien kollu għalxejn li ta' qablu bnew il-ġmiel ta' fortifikazzjonijiet tal-Belt, il-Furjana, il-Kottonera u Forti Manoel, jekk kemm-il darba l-għadu kien għad jista' jinżel fuq xtutna u jagħmel kulma isib ħerba, għalhekk fil-laqgħa tal-kunsill tad-9 ta' Lulju, jiġifieri tlett ijiem wara din il-ġrajja, il-Gran Mastru Wignacourt akkwista s-setgħa li jibgħat tletin suldat stazzjonati permanentement fit-Torri San Luċjanu li fuqu ser nitkellmu aktar l-isfel. Dan it-torri kien għadu kemm inbena bil-ħeġġa ta' l-istess Gran Mastru, li fl-istess sena beda jibni minn butu t-torri ta' San Tumas fil-ponta tal-Gżira, jew aħjar fuq l-istess art fejn kienu żbarkaw it-Torok f'Lulju ta' qabel.

*IT-TORRI TA' SAN TUMAS*

Il-pjanta ta' dan t-torri għamilha l-perit u inġinier malti Vitor Cassar, bin il-famuż arkitett Girolmu.

Bil-bini ta' dan it-torri ġew imħarsin iż-żewġ bajjiet ta' San Tumas (ir-Ramla) u ta' Wied-il-Għajn, żewġ qaliet li bħalma rajna kienu ferm għal qalb il-għadu biex jiżbarkaw fihom, u għal furbani oħra li kienu jinżlu għall-ilma min-nixxigħat li kien hemm qribhom.

San Tumas hu torri kwadru b'ħitan ħoxnin ħafna biex jiflaħ kull bumbardament li seta' jsir minn fuq xwieni ta' l-għadu f'dawk iż-żmenijiet. Fl-erba' kantunieri s-swar tiegħu huma maħruġin il barra u għalhekk aħxen biex jagħtu aktar saħħa. Ma' dwaru hemm foss wiesgħa u fond, u kont tidħol ġot-torri minn fuq pont jintrefa li jaqsam il-foss. Dan il-pont kien jintrefa' billi jinġibed bi ktajjen u jagħlaq il-fetħa tal-bieb, minn ġewwa kien hemm bieb ieħor li jinżel kontra tiegħu biex b'hekk jkun hemm żewġ bibien għall-fetħa, wieħed jagħmel kontra pis għall ieħor, it-tnejn bibien ta' l-injam oħxon u jiebes.

Bejn it-torri u l-ponta ta' l-art lejn il-Lvant kien hemm bastjun aktar baxx u mdawwar bl-istess foss. Fuq dan il-bastjun kien hemm kanuni li jimmiraw għal fuq il-baħar. Is-suldati li jisparaw dawn l-kanuni, kienu, f'każ ta' ħtieġa, jistgħu jidħlu fit-torri minn bwejba fil-foss li kienet tagħti għall-kantina tiegħu.

Min ġewwa t-torri hu sular wieħed b'kamra waħda għolja forma ta' H li tieħu d-dawl minn twieqi għolijin li minnhom kienu jistgħu jisparaw bl-azzarini. F'naħa waħda ta' din il-kamra fuq ix-xellug inti u dieħel hemm speċi ta' arkova. Uħud iridu jgħdu li din kienet il-kappella tat-torri, iżda fil-fehma tiegħi din ma kienetx għajr id-daħla li fiha kien jorqgħod l-uffiċjal tas-suldati stazzjonati fit-torri, li bħalma wieħed jifhem ma kienx mistenni li jitħallat mas-suldati ta' taħtu.

Taraġ għoli u wieqaf jagħti għal fuq il-bejt fejn wieħed isib xi kmamar żgħar li kienu iservu ta' kenn għall-għassiesa li kienu ikunu għassa fuq il-bejt, f'każ ta' xita? Minn taħt dan it-taraġ hemm taraġ ieħor mudlam li jagħti għal kantina u għall-bwejba tal-

*(jissokta f'paġna 3.)*



IT-TORRI TA' SAN TUMAS TAR-RAMLA

**IT-TORRI SAN TUMAS**

foss li ġa semmejna. Hemm ukoll bir fond bl-ilma għall-ħtieġa tas-suldati.

It-torri ssemma San Tumas għax dik il-ħara kienet hekk magħrufa minħabba knisja ċkejkna dedikata lil dan l-appostlu li kienet mibnija fit-triq taż-Żejtun fejn naraw niċċa ta' dan il-qaddis ħdejn dik l-oħra ta' San Spiridjun. Il-kwadru li kien hemm fuq l-artal ta' din il-Knisja, impitter fuq l-injam illum jinstab fil-Mużew tal-parroċċa.

Meta l-Franċiżi ħatfu Malta minn taħt idejn il-Kavallieri, it-torri San Tumas waqa' ukoll f'idejhom. Iżda meta l-Maltin rvellaw kontra tagħhom, il-kumpannija taż-Żejtun fehemu li kien jaqbel li l-bajja tar-Ramla u Wied il-Għajn ikunu ħielsa mill-Franċiżi biex minn hemm ikunu jistgħu jirċievu l-għajnuna mill-flotta ngliża ta' Nelson. Għalhekk jum wieħed f'Settembru tal-1798 stakkament żwieten telaq lejn ir-Ramla bil-ħsieb li jaħtaf dan it-torri. Il-Franċiżi mill-Kottonera ndunaw b'dan il-ħsieb u bagħatu rinforzi bid-dgħajjes mir-Rikażli. Il-Maltin iżda waslu qabel, ssorprendew il-ftit franċiżi fit-torri u rebħuhom wara ġlieda qasira. Imbagħad ħallew il-bandiera franċiża tperper fuq it-torri. Meta d-dgħajjes tar-rinforzi qorbu ż-Żwieten fetħu n-nar fuqhom, iżda dawna kienu għadhom ma waslux qrib biżżejjed biex jintlaħqu mit-tiri, huma fehemu x'kien ġara u dawru dembhom biex jeħilsu ġildhom.

*IT-TORRI SAN LUĊJANU*

Dan it-torri kif għidna beda jinbena ftit snin qabel San Tumas fuq id-disin ta' l-istess Vitor Cassar. Dana huwa l-akbar torri jew fortizza li nsibu barra mill-iswar tal-Belt u l-Furjana u l-Kottonera, u dan bir-raġun kollu għaliex inbena biex iħares il-port il-kbir ta' Marsaxlokk, li kif nafu kien tant sewa biex fih żbarkaw it-Torok fl-Assedju tal-1565.

It-Torri hu mibni f'tarf l-ilsien ta' art magħrufa bħala il-Marnisi li tifred il-baħar ta' Marsaxlokk minn dak ta' Birżebbuġa. Dan it-torri hu akbar minn dak ta' San Tumas, aktar b'saħħtu u mqassam f'żewġ sulari kif ukoll b'sotterran li kien iservi ta' polvrista.

F'kull sular hemm żewġt ikmamar kbar, u ta' fuq hekk ukoll kmajra li kienet kappella u taraġ li iwassal sal-bejt. Fuq il-bejt hemm xi kmamar żgħar ta' l-għassiesa.

Kien ukoll imdawwar b'foss fond u wiesgħa fuq it-tlett naħiet li jagħtu għall-art waqt li n-naħa tal-baħar jinżel bi rdum sa wiċċ l-ilma. Quddiemu kien hemm ukoll trunċiera bil-kanuni li jisparaw għal fuq il-baħar.

Kitba bil-latin li hemm fuq il-ħajt tal-faċċata tgħid li dan it-torri ġie msewwi u msaħħaħ mill-Gran Mastru De Rohan u li l-kunsill b'rikonoxxenza qata' li t-torri jiġi magħruf bħala l-"FORTIZZA DE ROHAN" iżda b'danakollu llum kulħadd isejjaħlu San Luċjanu, forsi għaliex meta ħaduh f'idejhom l-Ingliżi sejħulu "Fort St. Lucian".

*(jissokta f'paġna 4.)*

# Il-Mons. Mikiel Spiteri



**IL-BINI TAS-SALA PARROKKJALI BI ĦTIĠIJIET OĦRA GĦALL-KNISJA.**

Il-ħarġa l-oħra ta' dan il-ġurnal kienet għodda stampata u lesta meta fil-21 ta' Frar waslitilna l-aħbar tal-mewt tal-mibki Mons. Dun Mikiel Spiteri, u għalhekk għalkemm f'tarf l-artiklu li konna ktibna dwar il-bini tal-Knisja li kien sar bil-ħeġġa ta' Mons. Spiteri meta kien arċipriet, ħabbarna l-mewt tiegħu, ma kellniex la ħin u l-anqas wisa li nitkellmu dwar il-ħajja ta' dan is-saċerdot żejtuni li għex ħajja ta' bżulija fil-ministeru li hu ħaddan, kemm bħala saċerdot, bħala kappillan u arċipriet, kif ukoll bħala monsinjur.

Dun Mikiel twieled fiż-Żejtun fis-6 ta' Settembru tal-1912, minn Ġużeppi Spiteri u Gejtana Carabott, u kien l-uniku tifel tagħhom. Għex dejjem taħt id-djul tal-ġenituri tiegħu mrobbi bl-akbar għożża, il-logħob tiegħu kien dejjem "bil-knisja u l-festi" u għalhekk sa minn ċkunitu kien juri l-vokazzjoni tiegħu. U dan ma għandniex għax niskantaw bih, għaliex mhux biss, kif ingħidu, Mikiel kien igħix għad-dell tal-Kampnar, iżda missieru f'żgħożitu kellu bidu ta' vokazzjoni reliġjuża, waqt li fil-familja t'ommu kien hemm ukoll saċerdoti, fosthom Dun Pietru Pawl magħruf għall-għerf tiegħu għall-ħidma tiegħu kbira li wasslitu sal-karıga ta' Monsinjur tal-Vatikan, u li kieku ried għal unuri wisq akbar.

Dun Mikiel ġie ordnat saċerdot fis-sena 1937 u mill-bidunett wera żelu u ħeġġa li jaħdem fil-qasam li daħal għalih, tant li wara li f'Settembru ta' l-istess sena miet il-fundatur u direttur tad-Domus, Dun Spir Grixti, dan ġie fdat f'idejn Dun Mikiel. Fl-istess żmien ġie wkoll maħtur prokuratur tal-parroċċa flimkien ma' Dun Ġwann Palmier, qassis ieħor żagħżugħ.

L-Arċisqof mill-ewwel għaraf d-doni sbieħ ta' Dun Mikiel għaliex fil-1942, meta Malta kollha kienet ta' taħt fuq minħabba l-gwerra, għażlu Kappillan ta' Ħal Kirkop, raħal li għalkemm żgħir kellu problemi kbar kemm minħabba li kien **target** ta' l-attakki mill-ajru, kif ukoll minħabba l-piki tal-festi.

Meta ħa l-pusses il-Kor tad-Domus taż-Żejtun mar jieħu sehem fiċ-ċeremonja biex jagħti ġieħ lid-Direttur tiegħu.

Bħalma wieħed jistenna l-ħajja ta' Kappillan f'Ħal Kirkop ma kenitx ward u żahar. Il-partit bejn San Anard u San Ġużepp kien akkanit, il-knisja kienet nofsha mfarrka mill-bombi, in-nuqqas ta' djar u servizzi pubbliċi kien jinħass sewwa, u kull problema kienet taqa' fuq spallejn il-kappillan.

Jingħad li minħabba l-viċinanza tar-raħal lejn l-ajruport u l-fatt li kienu riedu ikabbru l-ajrudrom, fil-gwerra kien hemm proposta li Ħal Kirkop, li kien aktar minn nofsu mġarraf, jitwitta għal kollox u jinbena raħal ieħor x'imkien aktar il-bogħod. Iżda Dun Mikiel tant tħabat u stinka illi din il-proposta ġiet imwarrba u b'hekk ir-raħal ċkejken u grazzjuż ġiet salvat. Kemm kemm laħqet spiċċat il-gwerra li l-kappillan ma tagħax bidu għat-tiswija tal-knisja, li kienet l-ewwel waħda li ġiet imsewwija.

*(jissokta f'paġna 4.)*

# Mons. Mikiel Spiteri

Ma hemmx għalfejn wieħed igħid li ma' tul dan iż-żmien Dun Mikiel qatt ma abbanduna ż-Żejtun. Kien żamm id-dar li kellu hawn, kull meta kien jista' kien jaħrablek ftit minn Ħal Kirkop, u saħansitra ħafna kienu dawk iż-Żwieten li żammew lil Dun Mikiel bħala l-konfessur tagħhom u kienu jistennew jiġi kull ġimgħa biex iqararhom.

Dam f'Ħal Kirkop disa' snin u fil-1951 intbgħat kappillan f'Birżebbuġa. Birżebbuġa wisq akbar minn Ħal Kirkop kellu mitt elf problema; għax barra milli kien hemm għadd kbir ta' ingliżi, dik il-ħabta kien miżgħud b'nisa ta' fama ħażina. Terġa' l-kappillan ta' qablu kien xjieħ u għejja u għalhekk kien hemm ħafna problemi li riedu id u moħħ żagħżugħ biex jiġu solvuti. Il-poplu tar-raħal laqgħa lil Dun Mikiel b'ferħ kbir tant li bħala rigal fil-pussess tawh karrozza ġdida.

Dun Mikiel imqanqal mill-ħtieġa spiritwali li jġib magħha l-progress u fehemiet ġodda, introduċa ġo Birżebbuġa l-Ġimgħat Soċjali, kors ta' konferenzi fuq problemi soċjali għal ġimgħa, magħmulin minn kemm saċerdoti kif ukoll lajċi. Wara ftit ta' żmien din tant ingħoġbot li xterdet ma' Malta kollha.

Ħidma oħra ta' Dun Mikiel kienet fil-bini tal-knisja, meta ħa ħsieb tattwieqi bil-ħġieġ u rranġa z-zuntier li kien imħarbat ħafna.

Il-ħidma spiritwali ma kenitx nieqsa u bil-ħeġġa tiegħu għall-vokazzjonijiet fost iż-żgħażagħ, xi ġuvnotti daħlu s-Seminarju bir-riżultat li fl-1962 Dun Ġużepp Berry u Dun Alfred Micallef ġew ordnati saċerdoti.

Iżda l-ħajja ta' Dun Mikiel ġo Birżebbuġa, għalkemm kien għal qalbu ħafna, kemm għaliex maħbub u rrispettat, kif ukoll għax kien wisq aktar qrib taż-Żejtun, kellha tkun qasira.

Fil- 1954 l-arċipriet Brincat taż-Żejtun ġie mgħolli għad-dinjità ta' Monsinjur. U min aktar minn Dun Mikiel kien jistħoqqlu jkun is-suċċessur tiegħu, u għal qalbu kemm kien għal qalbu f'Birżebbuġa, dan ma seta qatt jirrofta li jmur arċipriet f'pajjiżu stess!

Il-ħidma biżlija tal-arċipriet il-ġdid mill-ewwel tgħat il-frott tagħha firraħal tagħna. Barra mill-lat spiritwali, kif għidna fil-ħarġa l-oħra, Dun Mikiel ta' l-bidu tal-bini tas-Sala Parrokkjali eċċ., biex b'hekk ħallielna monument kbir u ta' siewi mmens.

Ġoż-Żejtun organizza wkoll il-ġimgħat soċjali li ħallew ġid kbir fost il-poplu, u bil-ħeġġa tiegħu tqanqlet mill-ġdid il-ħajra għall-opri ġodda fil-knisja, festi aħjar u titjib ġenerali.

L-uniku kapriċċ ta' Dun Mikiel kien dik iż-żjara barra minn Malta fis-sajf li kienet tagħtih il-mistrieħ meħtieġ, iżda anki f'dawn iż-żjajjar Dun Mikiel kien jitħabat għall-parroċċa u kien iżur iż-żwieten imsiefrin biex jitlobhom għajnuna finanzjarja għall-parroċċa.

Ma nistgħux ninsew il-pellegrinaġġ li hu organizza għall-Ruma u Lourdes taħt il-presidenza ta' Mons. Isqof Galea, meta ġiebu magħhom lura l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, irregalata mill-imgħallem Ġanni Vella u mbierka millistess Papa Giovanni nhar id-29 ta' Lulju 1957 biex wara tqiegħdet fil-kappella grotta li saret taħt is-sala parrokkjali.

Iżda bi sfortuna it-taħbit ta' Dun Mikiel f'Ħal Kirkop u f'Birżebbuġa kien ħalla marka fis-saħħa ta' Dun Mikiel u l-ħidma bla heda f'parroċċa ta' 12,000 ma għenuħx biex jikseb saħħtu mill-ġdid, infatti kemm dam arċipriet, nistgħu ngħidu, li Dun Mikiel kellu kemm l-iskoss li ħallew marka fih, b'danakollu kull meta kien iħossu jista' jieqaf fuq riġlejh hu kien mill-ġdid jerġa' jidħol għal xogħol bla heda.

Mons. Arċisqof għaraf mhux biss il-merti ta' Dun Mikiel iżda wkoll il-fatt li saħħtu kienet sejra lura u li kien jinħtieġlu serħan mir-responsabilità ta' parroċċa u għalhekk fil-1961 għollieh għad-dinjità ta' Monsinjur tal-Kattidral.

Wieħed kien jistenna li l-Monsinjur Spiteri kien ser joħodha "easy" issa li laħaq Kanonku tal-Katidral, iżda b'danakollu hu daħal fil-ħidma l-ġdida b'enerġija li nafu fih, u mbagħad sab il-għaxqa ta' qalbu meta nfetaħ il-Musew tal-Katidral u kien igħaddi ġranet sħaħ fih igħin u jirranġa l-oġġetti għall-wirja. Għaliex il-Monsinjur kien minn dejjem studjuż ta' l-istorja u dilettant ta' l-arti u ta' l-antikitajiet.

Mons. Spiteri kien ukoll dilettant tal-pittura u kien igħaddi sigħat sħaħ ipitter kwadri ta' veduti u suġġetti oħra.

Fil-fehma tiegħi iżda fuq kollox hu kien jispikka għall-kant b'dik il-vuċi għolja u soda, u għall-omeliji. Barra minn li kien ikun jaf is-suġġett li fuqu jippriedka, Dun Mikiel kien ukoll jaf jesprimi sewwa il-ħsebijiet tiegħu u juża kliem li jifhmu kulħadd.

Dun Mikiel li ħalliena meta kien għadu fl-aħjar ta' ħajtu kien telfa kbira mhux biss għaż-Żejtun, art twelidu, iżda wkoll għall-kapitolu metropolita. Kull min kien ħabib tiegħu jaf kif tilef b'mewtu, ħabib sinċier bniedem umli u saċerdot eżemplari.

Fiż-żmien dan it-torri wkoll kellu l-pont li jintrefa' u jagħlaq il-bieb ewlieni, iżda dan it-torri sarulu ħafna tibdielet ma' tul is-snin. Barra mill-Belt u l-Kottonera u l-Forti Manoel, dan it-torri kien l-uniku fortifikazzjoni li l-Ingliżi żammew f'idejhom fil-kampanja. U dana għaliex għal xi żmien fis-seklu XIX huma kienu jibgħżu minn xi attakki russi fuq Malta u għalhekk riedu li jkollhom x'imkien fortifikat minn fejn kienu jkunu jistgħu jimbarkaw it-truppi tagħhom f'kaz li jkollhom jirtiraw. U San Luċjanu kien idejali għal dan f'nofs port li fih setgħet tidħol flotta sħiħa.

Aktar il quddiem ħassew kemm dan it-torri kien ta' ħtieġa għad-difiża tal-port li għall-aħħar tas-seklu li għadda bnew ma' dwaru fortizza mgħammra b'kanuni moderni u rranġaw il-polvrista. Din il-fortizza ngliża ma' dwar it-torri hi xempju ta' bini militari ngliż mill-isbaħ u għalkemm ta' epoka wisq aktar reċenti mit-torri (aktar minn 250 sena wara) naraw li hemm ċerta armonija bejn il-bini ta' wieħed u l-ieħor li min ma huwiex imħarreġ f'dawn il-ħwejjeġ jaħsibhom ħaġa waħda.

Kien tassew floku li dan it-torri u fortizza ngħataw mill-Gvern lill-Università' sabiex id-Dipartiment ta' l-Arkitettura jużahom bħala mużew u għal skopijiet oħra ta' studju.

*F'ħarġa oħra nittamaw li nġibu tagħrif aktar fuq torrijiet u bini militari ieħor ma' dwar iż-Żejtun li bnew kemm il-kavallieri kif ukoll l-Ingliżi.*



**Is-Sinjorina Doris Bondin li marret fil-Kenya bħala missjunarja lajka.**

**ŻOMMU DEJJEM**

**IŻ-ŻEJTUN**

**L-AKTAR NADIF**

# Dokument Importanti rregalat lill-Muzew tal-Parrocca

*Jisthoqq prosit u radd-il-ħajr lis-sur Fons. Spiteri, teacher fl-iskola li għoġbu jirregala dokumenti importanti ffirmat mill-gran mastru Ximenes li iġib id-data ta' 1768, għalbiex jinżamm fil-Mużew tal-Knisja.*

*Dan id-dokument hu "warrant" maħruġ mill-gran mastru bħala Kap Ġenerali ta' Malta liż-Żejtuni Anġlu Cachia biex minn surġent ħatru uffiċjal tenent tar-riġment taż-Żejtun.*

Tradott għall-Malti, il-"warrant" igħid hekk:

"Wara li rajna l-kapaċita' u x-xejra xierqa ta' Anġlu Cachia, kif ukoll il-qadi fidil u floku fil-kariga tiegħu ta' Surġent fil-Kumpannija tar-Riġment taż-Żejtun, b'soddisfazzjon kbir tagħna, qed ninnominawh Sottu-Tenent ta' Kumpannija ta' l-imsemmi Riġment, bid-dmir li jmexxi u jgħallem bil-għaqal is-suldati u l-armi tal-kumpanija tiegħu, jieħu ħsieb bil-għaqal kollu ta' l-armi, biex kulħadd iżommhom indaf u f'kondizzjoni tajba, u jekk xi ħadd (mis-suldati) jmut jew jitlaq (mir-raħal) l-imsemmi sottu-tenent mingħajr telf ta' żmien għandu jieħu lura l-armi jew jikkonsinnhom lil min għandu jedd fuqhom, iżda jekk jintilfu ħtija ta' nuqqas minn naħa tiegħu jrid jirrippjazzahom minn butu?

Għandu fl-aħħar jara li tinżamm l-ordni u li kull kmand jiġi obdut fil-ħin, u li s-servizz tal-milizzja jinqeda sewwa.

Nordnaw lill-uffiċjali kollha ewlenin li jgħarfuh u jqimuh bħala tali, (sottn-tenent) kif ukoll nordnaw lill-uffiċjali baxxi u lis-suldati kollha tal-kumpanija tiegħu li jagħrfuh, jqimuh u jobduh f'dak kollu li għandu x'jaqsam mas-servizz tiegħu għall-Gvern tagħna, u f'dak li hu approvat mill-Altezza Tiegħu Eminentissima utaħt il-pieni tal-liġi. Mogħoti mill-Palazz tagħna it-18 ta' Ottubru 1768. Firmat: Il-Bali Siniscalco Fr. Franco. Ximenez de Texadaa

Regt. tal-Miliżja fil-Kampanja

M. Ant. Caruana Cancle.

## WEDDING BELLS

*Minn qalbna nifirħu lill-għarajjes li żżewġu l-aħħar.*

**Marzu 1970**

*Anthony Spiteri — Mary Fenech*
*Anthony Busuttil — Doris Gafa*
*Nicholas A. Cutajar — Doris Abela*

**April 1970**

*Anthony Cardona — Mary Gafa*
*Consiglio Camenzuli — Mary Desira*
*Nazzarenu Cutajar — Mary Formosa*
*Francis Ellul — Angela Spiteri*
*Carmelo Muscat — Angela Baldacchino*
*Joseph Stride — Antoinette Ellul*
*Alfred Mifsud — Carmela Caruana*
*Carmelo Caruana — Evelyn D'Amato*

**Mejju 1970**

*Carmelo Borg — Mary Joan Carabott*
*George Camilleri — Carmen Camilleri*
*Alfio Zammit — Nina Marmara*
*Tony Galea — Lina Seychel*
*Carmelo Micallef — Mary Zammit*
*Michael Cutajar — Antonia Fenech*

**Ġunju 1970**

*Francis Busuttil — Cath. Camenzuli*
*Carmelo Psaila — Carmen Pullicino*
*Francis Agius — Salvina Zammit*
*Emanuel Mercieca — Vincenza Magro*
*Salvatore Cassar — Salvina Bonavia*
*Carmel Delia — Catherine Zammit*
*Alfred Meli — Evanġelista Gravino*
*Joseph Montebello — Cath. Cutajar*
*Carmel Bonnici — Pauline Camilleri*
*Salvu Schembri — Mattea Baldaccchino*

**Lulju 1970**

*Angela Desira — Michael Bonnici*
*Mary Abela — Spiridione Fenech*
*Joephine Desira — Spiridione Barbara*
*Katy Cutajar — Joseph Montebello*
*Doris Gafa — Anthony Brincat*
*Mary Abdilla — Carmel Cassar*

**Awissu 1970**

*Tessie Livori — Joe Buhagiar*
*Mary Cassar — Joseph Aquilina*
*Angela Abela — Saviour Busuttil*
*Salvina Spiteri — J. Seychell*
*Carmen Vella — Emanuel Spiteri*

**N.B. F'ħarġa oħra nħabbru l-għarajjes li iż-żewġu f'Settembru.**


**Qed tikkonfondi fejn tagħmel il-festa tat-TIEĠ?**

MUR IBBUKKJA L-

**"Alexandria Hall"**

SALA MODERNA U ĊENTRALI TINKERA GĦAL KULL XORTA TA' REĊIVIMENTI U PARTIES.

DETTALJI MINGĦAND

**ir-Rev. J. ABELA**

**91 Triq Santu Wistin, Żejtun**

**Tel. No. 21247**

**IL-BELT BELAND**

LEHEN IL-PARROĊĊA
TAŻ-ŻEJTUN

MAĦRUĠ MILL-
GHAQDA GHALL-ISTORJA
ŻEJTUN

Direzzjoni:—
33 PJAZZA GIRGOR BONNICI
ŻEJTUN — Tel: 25369

# ZWIETEN ta' minn jiftakarhom

*Caruana Scicluna Ġużeppi*
Tabib Prinċipali tal-Gvern.
Għadda żmien fil-Portugall fejn ħadem ħafna kontra l-pesta.

*Camilleri Dun Alwiġ*
Fis-sena 1819, Dun Alwiġ wara li akkwista l-permess tal-kappillan ħa f'idejh il-mezzanin li kien jiġi wara l-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu, fi Triq San Lucian u fih fetaħ skola għat-tfal talpoplu. Sab għajnuna fil-konslu spanjol Seg. A. Megino li kellu dar iż-Żejtun, u fl-isqof Mattei li wkoll kien jiġi veliġġatura hawn (fid-dar fejn illum hemm id-Domus).
Wara ftit dan il-meżżanin ġie mibdul f'bini aktar spazjuż, kif narawh illum, u bħala tifkira fis-sala t'isfel hemm basso reliev bir-ritratti talkonslu spanjol u ta' l-isqof Mattei u fil-ħadid tal-gallerji kemm l-ittri P.Z.F. li ifissru Populi Zejtunensis Fecit, jiġifieri li d-dar imbniet mill-poplu żejtuni. Din kienet waħda mill-ewwel skejjel pubbliċi f'Malta.

*Spanjol Patri Paċifiku*
Patri Franġiskan Minuri, magħruf ħafna għall-għerf li kellu, għamel żmien twil Majistru tan-Novizzi, u laħaq ukoll Gwardjan tal-Kunvent Franġiskan.

*Fauré Mastru Franġisk*
Twieled fil-1849 u miet fil-1915 Studja taħt il-pittur Bellanti għamel bosta xogħolijiet ta' skultura fil-ġebel, bħalma huma d-duluri fil-Bidu tal-Gudja, Santa Marija fil-knisja ta' Ħal Tarxien, il-fonti tal-Mammudija fin-Nażżarenu tas-Slema. Bosta statwi fildjar privati u fiċ-Ċimiterju l-Kbir.
Barra minn dana ħadem ħafna xogħol ta' skultura fl-injam għal bosta knejjes, gandlieri, gwarniċi, vintartari, eċċ. Għamel ukoll xi xogħolijiet ta' pittura l-biċċa l-kbira għal djar privati.

# L-eqdem Knisja fiż-ŻEJTUN

*Bażilka Biżantina Fuq il-Għolja ta' Tas-Silġ*

*Minn DUN JOE ABELA Lic. D., H.E.L., B.A.(Hons.)*

*Knisja preżenti ta' Tas-Silġ*

Naħseb ftit huma dawk fostna li qatt ma waslu sa Tas-Silġ, kemm minħabba l-knisja ħelwa li hemm dedikata lill-Madonna f'idejn il-patrijiet Tereżjani, u kemm minħabba li f'dawk in-naħiet, bl-għoljiet sbieħ tagħhom li jiddominaw il-bajjiet ta' Marsaxlokk u San Tumas, wieħed jista' jagħmel waħda mill-aħjar passiġġati li jistgħu jsiru n-naħa tagħna għall-arja friska tal-egħlieqi u l-baħar. Il-patrijiet Tereżjani għażlu post tassew kwiet u arjuż meta ddeċidew li jibnu l-kunvent konness ma' knisja li kienet ġa teżisti. Verament li l-ambjent jgħinhom ħafna biex jikkontemplaw fis-solitudni s-sbuħija t'Alla kif tidher fil-ħolqien Tiegħu. Il-Knisja hi dedikata lill-Verġni Marija "Ad Nives", bil-Malti "Tas-Silġ," u għalhekk dik il-għolja hi magħrufa minna b'dan l-isem. Din il-knisja iżda mhix eqdem mis-sena 1650, sena relativament reċenti meta tiftakar l-istorja millenarja tar-raħal tagħna. Ta' min isemmi hawnhekk il-fatt li fiż-żminijiet li bi ħsiebna nitkellmu fuqhom f'dan l-artiklu, dik il-parti ta' Malta kienet tagħmel maż-Żejtun.

*Importanza ta' l-Għolja Ta' Tas-Silġ*

Iżda l-Patrijiet Tereżjani ma kinux ċertament l-ewwel nies, anzi nista' ngħid, ma kinux l-ewwel saċerdoti, li ndunaw bl-importanza ta' dik il-għolja. Fl-istorja qadima ta' Malta il-bajja ta' Marsaxlokk kellha importanza wisq akbar milli għandna llum. Peress illi l-baħħara meta kienu jiġu fi gżiritna x'aktarx li kienu jiġu minn naħa ta' l-Afrika u Lvant, l-ewwel daħla li kienu jilħqu kienet dik ta' Marsaxlokk. Filviċin kienu jsibu wkoll il-bajja ta' San Tumas. Issa, l-għolja ta' Tas-Silġ mhux biss hi waħda mill-aktar prominenti fuq il-bajja ta' Marsaxlokk, iżda wkoll taħbat propju bejn Marsaxlokk u San Tumas, u hekk tiddomina ż-żewġ daħliet. L-antiki, għalkemm mhux Insara bħalna, kienu jħobbu ħafna l-allat tagħhom; kienu jibnulhom tempji l-aktar sbieħ, ukoll majestużi għal dawk iż-żminijiet, f'postijiet importanti u l-aktar milħuqa minnhom. F'dawk it-tempji huma kienu jieħdu l-offerti tagħhom biex joffruhom lill-allat. F'dawk iż-żmenijiet imbiegħda xejn ma kienet ħaġa ħafifa li tivvjaġġa bilbaħar minn post għall-ieħor, bil-bastimenti li kellhom huma mmexxija biss bil-qlugħ ul-imqadef. Ta' spiss kienu jaraw l-għarqa. Għalhekk meta kien jirnexxilhom jaslu fil-port mixtieq minnhom, huma kienu jroddu ħajr lillallat tagħhom għall-vjaġġ li jkunu għamlu b'wiċċ il-ġid. Għalhekk għal dawn in-nies tal-qedem l-għolja ta' Tas-Silġ kienet ideali biex fuqha jibnu tempju li jiddedikawh lil xi alla tagħhom. Fil-fatt hekk għamlu.

*Sinjali ta' ħruq*

Niftakar li meta kont tifel kienu jogħġbuni ħafna l-passiġġati li konna mmorru ma' tal-Mużew fin-naħiet ta' Tas-Silġ; tant li għadni sal-lum, malli jkolli ftit ħin liberu, arani nitlaq għall-passiġġata li aktarx iva milli le, tkun f'dawk in-naħiet. Niftakar li waħda mill-ewwel ħwejjeġ li tgħallimt dwar l-għolja ta' Tas-Silġ kienet it-tradizzjoni li hemm kienet teżisti xi-"belt" li ħarquha l-Arab. Bħalha prova ta' din niftakar xwejjaħ jiġi minni jurini f'dawk il-postijiet kwantità kbira ta' ġebel tas-sejjieħ kollu maħruq: sinjal li veru sar xi ħruq. Barra minn hekk dan ir-raġel daħħalni fl-isqaq ta' Birrikka u minn hemm urieni xi ġebel kbir, sinjal ta' xi pedamenti ta' bini antik kbir; ġebel kbir simili kien jidher minn naħa tat-triq. Jien allura malajr ikkonvinċejt ruħi li it-tradizzjoni ta' "belt" maħruqa kienet mibnija fuq il-verità. U l-immaġinazzjoni tiegħi ta' tifel aktar kompliet tixgħel meta fil-ktieb ta' l-iskola qrajt dwar id-debħa f'ġieħ Melkart, alla pagan — deskrizzjoni fantastika lettararja ta' Ġuże Bonnici. Min jaf, kont ngħid, x'jista' jkun veru f'din il-kitba?

*Missjoni Taljana tal-Arkeoloġija*

Minjaf x'jista' jkun veru? Il-kittieba antiki kemm barranin, u kif ukoll aktar reċenti, Maltin, kienu ilhom isemmu l-esistenza ta' tempju pagan fl-inħawi ta' Marsaxlokk, għalkemm ma kinux jafu eżatt fejn kien u lill-liema alla kien iddedikat. Kien jissemma bħala post probabbli mhux biss Tas-Silġ, iżda wkoll Borg In-Nadur, fuq ix-xaqliba l-oħra ta' Marsaxlokk, u kienu jissemmew diversi allat pagani, għalkemm dawn kienu kultant l-istess alla taħt isem divers; hekk konna nisimgħu b'Melkart, Ercole, Hera, Guno, eċċ. Kellha tkun il-missjoni Taljana tal-Arkeoloġija, immexxija mill-Università' ta' Ruma biex tasal għall-konklużjonijiet ibbażati fuq studji verament xjentifiċi li ilhom sejrin dwar il-għolja ta' Tas-Silġ tmien snin. Kull sena l-Arkeoloġi Taljani

jgħaddu madwar sitt ġimgħat iħaffru bl-għajnuna tal-Maltin fuq Tas-Silġ u mbagħad ikomplu l-istudji dettaljati tagħhom f'Ruma stess. Kull sena l-Università' ta' Ruma tippublika ktieb sħiħ mimli artikoli, pjanti u ritratti, dwar ix-xogħol li jkun sar. S'issa ġew ippubblikati sitt kotba — u dawn għadhom biss rapporti preliminari! Nitgħallmu xi tfisser tieħu l-istudju bis-serjetà! L-istudjużi issa kkonfermaw l-esistenza ta' tempju kbir antik fuq l-għolja ta' Tas-Silġ iddedikat lil Guno, alla mara. Għalihom l-iċken farka tfisser ħafna; fost l-eluf ta' biċċiet ta' fuħħar, instabu ħafna b'xi kitbiet fuqhom. Dawn l-ittri 'l hawn u 'l hinn lilhom jagħtihom bosta ħjiel dwar dawk iż-żminijiet u d-devozzjoni ta' l-antiki lejn l-allat tagħhom. Irridu nżommu quddiem għajnejna li l-antiki kienu joffru l-offerti tagħhom fi bwieqi jew amfori tal-fuħħar, li wara aktarx kienu jispiċċaw imfarrkin. Instabet ukoll biċċa statwa ċkejkna ta' alla mara, barra l-ħafna fdalijiet oħra interessanti. Importanti ħafna kien il-kxif tal-pedamenti tat-tempju antik — tempju jew tempji? Forsi aħjar nuża l-kelma "tempji" għaliex tiskanta kif il-popli antiki kollha li kellhom kuntatt ma' Malta ndunaw bl-importanza ta Tas-Silġ: il-Feniċi, ir-Rumani, il-Biżantini (Griegi).

### *L-Imperatur Teodosju u t-tempji pagani*

Nistħajjel forsi li xi ħadd hawn jista' jistaqsi, "Imma l-Feniċi u r-Rumani kienu pagani, fil-waqt li l-Biżantini kienu Nsara. Kif allura wżaw l-istess tempju?" Ir-risposta qiegħda fil-liġijiet li għamel l-Imperatur Teodozju. Teodozju kien Imperatur Nisrani ferventi għall-aħħar tas-seklu IV, jiġifieri madwar elf u sitt mitt sena ilu. Għex fis-seklu li ra lil Kostantinu jagħti l-libertà lill-Knisja wara snin ta' persekuzzjoni ħarxa; madwar sittin sena qabel Teodozju, Massiminu qatel bosta Insara f'Lixandra. Kien żmien li fih, għalkemm il-Knisja għamlet rebħiet kbar, madanakollu il-pagani kienu għadhom ħafna numerużi fl-Imperu; kemm hu veru, ftit qabel Teodozju, Ġuljanu l-Apostata pprova jerġa' jwaqqaf mill-ġdid ir-reliġjon pagana fuq saqajha. U numerużi kienu għadhom ukoll it-tempji pagani. Iżda Teodozju għadda liġi favur l-Insara li biha hu tahom it-tempji pagani biex jużawhom bħala tempji tagħhom, jew aħjar jibdluhom fi knejjes Insara.

F'dan il-kontest irridu nifhmu l-istorja mqallba tat-tempju ta' Tas-Silġ. It-tempju pagan kien ilu jeżisti hemm eluf ta' snin qabel l-imperatur Teodozju; fil-fatt snin kbar qabel it-twaqqif stess tal-Knisja mis-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu. Dan it-tempju pagan, bis-saħħa tal-liġi ta' Teodozju, għall-ħabta ta' l-aħħar snin tas-seklu IV jew il-bidu tas-seklu V għadda f'idejn l-Insara li bidlu parti minnu f'Bażilka Biżantina.

### *Bażilka Biżantina f'Tas-Silġ*

Biex nifhmu sew il-qedem ta' din il-Bażilka rridu niftakru li din il-bidla ġrat madwar seba' mitt sena qabel inbniet l-ewwel kappella li flokha llum hemm il-knisja ta' San Girgor, knisja li aħna dejjem qisnieha bir-raġun kollu bħala waħda mill-eqdem knejjes ta' Malta! U x'sar min dik il-Bażilka Biżantina? X'baqa issa? Hawn tidħol it-tradizzjoni ta' "belt" maħruqa mill-Arab li semmejna diġa; dan kien mela l-bini li ġie meqrud minn xi ħadd. Kienet x'kienet ir-raġuni li għaliha din il-Bażilka Biżantina nqerdet lilna hawnhekk ma tantx jinteressana. Għalina hu ta' importanza wisq akbar il-fatt li Knisja Nisranija diġa eżistiet fiż-Żejtun fis-seklu IV wara Kristu. U provi ta' dan għandna kemm irridu. Il-missjoni Taljana rnexxielha tikxef bosta fdalijiet li jippruvaw mingħajr dubju l-eżistenza ta' Bażilka Biżantina fuq parti mit-tempju pagan li qabel kien jeżisti fuq l-għolja ta' Tas-Silġ.

### *Forma tal-Bażilka Biżantina*

Irrid, qabel niddeskrivi dak li l-istudjużi Taljani rnexxielhom jiskopru f'Tas-Silġ, nagħti ftit tagħrif dwar il-forma tal-Bażilka Nisranija antika; dan ikun jista' jgħinna biex nifhmu aħjar dak li s'issa nstab. Ta' min iżomm quddiem għajnejh hawnhekk il-Kappella preżenti ta' l-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun stess, għaliex din il-knisja għandha mill-intern tal-Bażilka Nisranija antika. L-ewwel kont tidħol fl-"atrium" (speċi ta' bitħa) u minn hemm kont tgħaddi għan-"narthex" fejn kienu joqogħdu l-katekumeni u l-penitenti li ma kellhomx id-dritt jassistu għall-Quddies. Min-"narthex" kont tidħol fl-intern tal-Bażilka, li kienet tkun maqsuma, permezz ta' żewġ fillieri kolonni, fi tlett navati, li kienu minnhom infushom donnhom iservu bħala triq li tiġbdek lejn l-artal. Fin-navata tan-nofs kont tilmaħ, fit-tarf tagħha lejn l-artal, l-hekk imsejħa "schola cantorum", li kienet tkun imdawra b'kanċell u kienet isservi għall-kor. Kien ikun hemm żewġ "ambone", wieħed fuq kull naħa ta' l-"schola cantorum", li kienu jservu għall-qari tal-lezzjonijiet u tal-vanġelu rispettivament. Minn hawn kont titla' bi ftit tarġiet għall-"bema", il-parti li fuqha kien ikun hemm l-artal u li kienet tispiċċa bl-"abside" nofs tonda, bil-katedra ta' l-isqof f'nofsha u mdawra bis-sedji tal-kleru. Ċar mela, li l-isqof kien jippresiedi fin-nofs minn wara l-altar, li allura kien ikun forma ta' mejda baxxa u min iqaddes kien jista' jdur miegħu. Għalkemm ġeneralment il-bażilki kien ikollhom tliet navati, ġieli kellhom waħda biss jew inkela wkoll ħamsa. Il-battisteru li kien iservi għall-magħmudija kien ikun barra l-bażilka.

### *X'instab f'Tas-Silġ*

U f'Tas-Silġ kien propju l-battisteru li nstab l-ewwel; kien dan l-ewwel sinjal ċar tal-preżenza ta' bini nisrani fuq it-tempju pagan. Bil-mod il-mod bdew jinkixfu l-fdalijiet ta' Bażilka Biżantina, fdalijiet li jagħtuna ħjiel ta' kif kienet mibnija, it-tibdil li sar mill-insara fit-tempju pagan biex jaqilbu part minnu f'tempju Nisrani, u l-użu li għamlu mill-istess ġebel li qabel kien jifforma t-tempju pagan. L-abside tal-Bażilka Nisranija ġiet mibnija fid-daħla tal-bieb tat-tempju pagan, fil-waqt li l-ħitan laterali tagħha nbnew fuq il-pedamenti li qabel kellhom fuqhom il-kolonni tal-bitħa pagana. Fuq in-naħa tad-dħul ġew miftuħa tliet bibien li kienu jagħtu għall-Bażilka; għad baqa' s-sinjali ċari tad-daħliet ta' tnejn minnhom. Xi wħud mill-kolonni tal-bitħa pagana ġew użati biex jaqsmu l-Bażilka Nisranija fi tliet navati. Interessanti ferm kienet is-sejba tal-posizzjoni eżatta tal-altar; instab l-post fejn kienet imqiegħda l-bażi tiegħu. Dan l-altar kien jikkonsisti f'mejda mqiegħda fuq bażi ċentrali; din il-bażi kienet kwadra n-naħa t'isfel, u salib imħaffer fil-blat kien jimmarka l-post fejn il-bażi kienet tpoġġi. Fin-navata tan-nofs ġiet ukoll mikxufa parti sewwa ta' li-"schola cantorum", bil-bankijiet tal-ġebel għall-koristi. Il-forma tal-Bażilka ma kienetx tawwalija bħal ta' bażilki oħra, imma kważi kwadra, peress li ġiet mibnija fuq il-bitħa pagana li kien hemm qabel. Dan ta' Malta ma kienx l-ewwel post li fih instabet Bażilka Nisranija mibnija bl-istess mod fuq tempju pagan.

Dawn is-sinjali li għad baqa' ta' Bażilka Nisranija fuq il-Għolja ta' Tas-Silġ huma żieda oħra fil-patrimonju storiku li artna tippossiedi, u lilna għandhom jimlewna b'ċertu sodisfazzjon u kburija, u jħeġġuna biex nitgħallmu iżjed l-istorja reliġjuża, mifruxa fuq eluf ta' snin, tal-poplu tagħna.

IXTRU

DEJJEM MILL-

ĦWIENET LI

JIRREKLAMAW

FIL-ĠURNAL

TAGĦKOM

# NIFIRHU

*Teachers Ġodda fl-Iskola Primarja*
Srni: Anne Curmi, Catherine Caruana, Lora Baldacchino.

*Masters u Mistresses Ġodda fl-Iskejjel Sekondarji.*

Mr. Scriha (Headmaster Skola Sekondarja — Subien) Miss Carmelina Formosa (Headmistress Skola Sekondarja — Bniet).
Is-Sri. L. Camilleri u P. Vella (Matematika); C. Debono u T. Zahra (Malti); R. Caruana (Mużika); J. Schiavone (Xjenza); E. Cutajar (Relijon); Is-Snri. A Cassar (Ingliż); P. Magro (Ħjata); M. Magro (Housecraft); G. Cachia (Ħjata); K. Cachia (Franċiż); M.T. Galea (P.E.); M. Vella (Taljan); J. Savona (Matematika).

*Rebbieħa tal-Gara Katekistka organiżżata mill-Azzjoni Kattolika Ġuvintur*
Frankie Corso, Charles Cassar, Aloisius Ellul.

Liż-Żgħażagħ Ħaddiem Nsara taż-Żejtun għall-Esibizzjoni li organizzaw fil-bidu ta' Mejju "dwar is-snajja".
Lis-Srna. Frances Bondin li daħlet Missjunarja Lajka u ser tgħin f'din il-ħidma barra pajjiżna.
Lis-Sur Lawrence Schiavone li laħaq Inspector tas-Secondary Schools.
Lill-maħbub Arċipriet Dun Pantaleone li fil-5 ta' Awissu għalaq 25 sena saċerdot.

O — O — O

QUIZ GĦAT-TFAL

Ir-Rebbieħa tal-Quiz li xandarna fl-aħħar ħarġa hi Nathaline Cachia ta' 115 Main Str. Ser nibgħatulha l-premju li rebħet.
QUIZ No. 2. Ir-reguli huma dawk li xxandru fil-ħarġa l-oħra.
Il-premju Tlett kotba sbieħ bil-malti.

# Centru Civiku fiz-Zejtun

Sur Editur,

Dejjem jissemma li għandu jibena lĊentru Ċiviku ġoż-Żejtun, u waqt li ta' bnadi oħra, Żabbar, Mosta, Siġġiewi, Raħal Ġdid bdewhom u spiċċawhom u qed jużawhom, tagħna għadu biss fil-ħolm tal-moħħ milli jidher.

Xi ħadd semma li għandu jinbena fil-pjazza ta' wara l-Knisja. U kif naslu biex nissuġġerixxu li nnaqqsu l-art miftuħa li għandna meta llum ix-xejra hi li jkollna aktar pjazzez?

Qaluli li forsi waħda mill-ostakoli għall-bidu tal-bini taċ-ċentru ċiviku huwa li jinstab post, biċċa art ċentrali fir-raħal, li hi ftit jew xejn diffiċli. Jekk dan huwa l-każ ingħid li ma jafhux ifittxu, u għalhekk nieħu l-liberta' li nissuġġerixxi post ċentrali u bħalissa vojt u ebda użu.

Qed nirreferixxi għal dak il ġnien li hemm fi TRIQ GWIEDI li hu kbir biżżejjed biex fih jinbena iċ-Ċentru Ċiviku li ninħtieġu. Dan il-lokal hu biss tefa' ta' ġebla bogħod mill-parroċċa u mit-terminus tal-karrozzi u għalhekk ċentrali kemm jista' ikun.

Quddiem dan il-ġnien hemm ieħor li minn Triq Gwiedi jagħti għal Triq Santa Katarina. Dan il-ġnien ikun jista' jittieħed ukoll mill-gvern u jinfetaħ bħala pjazza-ġnien biex fih isiru xi bankijiet, u l-latrina għan-nisa li ilha tissemma ħafna u qatt ma saret. Il-ftuħ ta' ġnien pubbliku hawn, barra milli hu ħtieġa għan-nies li jinġabru qrib il-knisja ikun ukoll ta' abbellament għaċ-ċentru ċiviku li jinbena kif għidna fil-ġnien l-ieħor.

Għal min irid, jaf jifittex u isib. Kulma jinħtieġ hu ftit tar-rieda tajba.

Għalhekk nappella lit-tlett parlamentari li għandna miż-Żejtun biex jingħaqdu flimkien, mingħajr distinzjoni ta' partiti u jinsistu fuq din il-proposta mal-Gvern.

J.C.V.

---

QUIZ Nru. 2

*Mistoqsijiet*

Semmi fortifikazzjonijiet importanti mibnija mill-kavallieri ma' dwar ix-xtut qrib iż-Żejtun?
Semmi tlett fortizzi kbar li l-Ingliżi bnew ma' dwar iż-Żejtun?
Liema bini go Żejtun serva ta' sptar fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi?
Semmi żewġ postijiet li servew ta' skola qabel ma' nbniet l-iskola ta' Triq Sant'Anġlu?
Meta fir-raħal kellna l-Qorti fejn kienu jinżammu s-seduti tiegħu?
F'liema sena l-Isqof waqqaf li jiġu l-parroċċi kollha ta' Malta għall-purċissjoni ta' San Girgor?
Min kien li waqqaf id-Domus u fejn kien infetaħ id-Domus l-ewwel darba?
Min kien li waqqaf l-ewwel Banda fiż-Żejtun u x'kien jisimha?
Kemm ilha li nfetħet għall-pubbliku l-knisja tar-Raħal?
Min ħareġ il-flus biex imbniet din il-knisja?


Għal kull xorta ta' wiri ta' films fid-djar 8mm. u super 8
BI PREZZ MODERAT

IRRIKORRU GĦAND:
**Emmanuel Zahra**
18, Main Street,
Żejtun

L-Itjeb Minerali Garantiti Huwa l-Prodotti tal-
**Winner Mineral Factory**
ST. MONICA STREET — ŻEJTUN
Tel. No. C. 27876

**JOSEPH GATT**
IRONMONGERY
40 ST. CATHERINE STREET
ŻEJTUN
TEL. 22771
Stockist of:
British Paints,
Electrical Acc.,
and Glasware

# MILL-GNIEN TAL-KMANDANT

**Il-Pjazza ta' wara l-Knisja** Xejn ma għoġbot liż-Żwieten it-tweġiba li l-Ministru ta' lill-Onor Wistin Abela li hemm ħsieb li wara l-Knisja (jiġifieri fil-pjazza jinbena Ċentru Ċiviku).

Hu tassew li fiż-Żejtun ninħtieġu ċentru ċiviku sabiex fih jinġabru l-of-fiċini tal-gvern u jintelqu d-djar li bħalissa huma mikrijin u li jgħoddu aħjar għall-familji bla dar, iżda meta llum qed jiġu ppjantati pjazez ġodda u "green area" għaliex għandna aħna ż-żwieten nitilfu waħda mill-isbaħ pjazzez ċentrali li għandna.

Dak li nixtiequ wara l-knisja huwa li l-art tiġi asfaltata, jitħawlu għadd sabieħ ta' siġar u jitqiegħdu l-banki-jiet. Billi mbagħad ikun hemm xi daq-xejn ta' *kiosk* żgħir ma jimpurtax, anzi dana isebbaħ u ikun ta' servizz għall-poplu.

L-anqas ma tgħoġobna l-ideja li kienet ser issir dan l-aħħar li l-pjazza tiddawwar bi triqat ta' tletin jew erbgħin pied wisa' għax b'hekk mill-pjazza ma jibqgħax għajr daqsxejn ta' *round-about* fin-nofs. Il-pjazza ma hijiex traffikuża u għalhekk it-triqat li jitfasslu ma' dwarha ma għandhomx ikunu aktar minn għoxrin pied bil-bankina b'kollox.

**Hdejn San Girgor** Id-dar bil-Gal-lerija, llum użata bħala razzett fejn San Girgor kienet id-dar tal-kappillan meta San Girgor kien għadu l-parroċ-ċa. Mal-ħajt l-ieħor ir-*razzett* li hemm kif jispiċċa l-ġnien ta' l-stitut, kien ukoll bini mportanti; jekk wieħed jifli sewwa l-ħajr ta' barra jara li kien fih loġġoġ kbar li mnnhom s-sidien għonja tiegħu kienu jistgħu jaraw il-purċis-sjoni ta' San Girgor.

**Ir-Rukkett u l-Muzzetta tal-Kappil-lan** Il-privileġġ li l-kappillan jilbes ir-rukkett u l-muzzetta ġiebhom f'Malta Dun Tumas Ċirillu Formosa, Żejtuni, li kien kappillan ta' Ħal Tarxien (1752-1767) meta kien tiela' Ruma biex jid-defendi ruħu fil-Vatikan minn xi rap-porti li kienu saru kontrh.

*IL-250 SENA MILL-FTUĦ TAL-PAROĊĊA*

Jingħad li l-każini qed jaħsbu biex għall-festa ta' din is-sena jagħmlu xi ħaġa speċjali billi jaħbat għeluq il-250 sena mindu nfetħet il-knisja l-ġdida.

Il-prokuratur qed jaħseb biex isir xi ħaġa speċjali fil-festa?

Jekk għandna ħsieb nikkomemoraw dan iċ-ċentinarju messna ħsibna minn kmieni għal ġbir tal-flus meħtieġa? Il-poplu jekk tinkoraġġih jikkontribwix-xi.

U ma' jixraqx li nibdew nagħmlu reklami minn issa biex it-turisti jiġu għall-festa tagħna bħalma jmorru bnadi oħra. Fuq kollox il-festa tagħna li l-ewwel waħda tal-istaġun tax-xitwa!

U la fuq il-festa irrid nifraħ u nfaħ-ħar lil dawk il-ftit żgħażagħ u oħrajn li s-sena kolha jaħdmu u jisru fil-maħ-żen tal-festa, isewwu jiżbgħu u jir-rangaw l-armar tal-festa, għax li ma kienux huma mhux żgur insibu antan-jola x'narmaw meta tasal il-festa.

*IS-SUQ FIŻ-ŻEJTUN*

Kienu wegħduna SUQ. Suq suriet in-nies biex la ikun hemm oġġetti ta' l-ikel ma' l-art u l-anqas ma jbgħatu bix-xemx u xita min jbiegħ u min jix-tri. Minn naħa l-oħra llum il-bejjiegħa qed jingumbraw triq li twasset biex igħaddi minnha t-traffiku.

Tgħid issa li ġew ivvutati l-estimi l-ġodda jmissna xi ftit liri għaż-Żejtun biex jinbena daqsxejn ta' Suq iġieniku u li jixraq lill-poplu ċivilizżat?

GIRGOR

---

# ZWIETEN b'passatemp mhux komuni

Ftit ilu nzertajt għand ħabib tiegħi, qed nara xi xogħolijiet li hu stess għa-mel fil-ħin liberu tiegħu. Kien propju hawn li tħajjart nipprova nsib xi żwie-ten li għandhom xi passatemp partiko-lari — u aktarx mhux komuni ħafna. Ħsibt li jkun utili kieku nies bħal dawn insiru nafu bihom, biex mhux biss isiru familjari aktar magħna, iżda oħrajn bar-ranin jsiru jafu bihom ukoll, meta din wieħed li se niltaqgħu miegħu hu:

## NAZZARENU CARDONA

Nazzarenu Cardona, aktar magħruf bħala Nazzu, twieled iż-Żejtun nhar it-28 ta' Awissu, 1899. Wara li spiċċa l-iskola primarja, daħal jaħdem it-Tar-zna bħala Boiler-Maker apprentice. Fit-Tarzna baqa' sa ma kellu 50 sena, meta spiċċa mit-Tarzna. Barra dan, Nazzu hu wkoll imsemmi għax-xogħol tad-dolċerija. Il-pasatemp tiegħu hu li jaħ-dem għamara ntarzjata. Kien propju dwar dan il-passatemp li tlabt lil Nuz-zu, biex jagħtini aktar tagħrif. L-ewwel mistoqsija tiegħi kienet din:-

(1) Meta u kif bdejt tinteressa ruħek f'dan ix-xogħol?

"Jiena bdejt ninteressa ruħi f'dan ix-xogħol fi żmien il-gwerra tal-Kongo, madwar 10 snin ilu. Dan il-passatemp bdejtu aktar b'kumbinazzjoni. Minħab-ba l-gwerra tal-Kongo, ma stajtx nix-tri l-kewba mill-pajjiżi minn fejn jien ridt inġib il-kewba, allura kelli x'injam kulurit u bla ħsieb ta' xejn bdejt nip-prova nintarzja. Dan issodisfani u komplejtu sal-lum."

(2) B'kollox kemm il-biċċa xogħol għandek?

"24 biċċa, li jinkludu siġġijiet side-board, imwejjed, sotto-spechio, sett tal-pranzu u sett tas-salott."

(3) X'materjal tuża u minn fejn iġ-ġibu?

"Kull injam kulurit, basta ma tużax żebgħa. Dan l-injam jiena nixtrih. Ix-xogħol tiegħi hu maħdum minn injam ħxuna ta' kwart ta' pulzier u mhux foljetta."

(4) Id-disinji li tagħmel, issibhom minn xi kotba apposta jew tagħ-milhom int stess?

"Id-disinji li nagħmel huma kollha ori-ġinali."

(5) Dan ix-xogħol qatt ħallielek so-disfazzjon personali?

"Dejjem."

(6) Ġie li esponejt uħud minn dawn ix-xogħolijiet tiegħek f'xi wirjiet?

"Fil-Malta Trade Fair tal-1967, ġejt mit-lub sabiex nesponi fil-wirja uħud minn dawn ix-xogħolijiet kif fil-fatt għamilt u fejn kelli l-opportunità li dawn ix-xogħolijiet li kienu esposti fil-wirja, jarawhom ħafna nies, fosthom il-Gver-natur Ġenerali, il-Prim Ministru, l-Is-qfijiet u l-High Commissioner Kanadiż, li kienu preżenti għal-ftuħ ta' l-istess fiera. Barra dan is-sena ta' qabel, iġi-fieri fl-1966, ta' l-MTV ġew id-dar tie-għi, ħadu film ta' dawn ix-xogħolijiet u wrewh fuq it-television."

(7) L-aħħar mistoqsija. Bi ħsiebek tagħmel xi affarijiet oħra għall-ġejjieni?

"Barra mix-xogħol ta' ntarzjar, inħobb nagħmel xi lampi, brazzi u anke linef mill-kristall antik. Il-biċċa l-kbira tal-kristal nixtrih, filwaqt li xi ħbieb tiegħi li jafu li niddeletta b'dan il-passatemp ukoll ikollhom xi biċċa kristal, bħal per eżempju, minn xi linfa li ma għad-homx jużaw, basta antika, u jagħtu-hieli."

**N.B.** Meta mort id-dar tas-Sur Cardo-na sibtu propju qed jaħdem fuq waħda minn dawn il-linef, li għandha disin tassew oriġinali. Is-Sur Cardona jieħu pjaċir juri x-xogħolijiet tiegħu lil dawk kol-lha li jżuruħ fid-dar tiegħu, Nru. 6, Triq Beland.

**Francis Zahra**



# FRANK GRIMA

"LA MORENETA"
137, THE STRAND
SLIEMA
TEL. 35403

49, MAIN SQUARE
ŻEJTUN
TEL. 24546

"REGENCY HOUSE"
FIRST FLOOR, KINGSWAY
VALLETTA
TEL. 20763

BUILDING AND CIVIL ENGINEERING
CONTRACTOR

DAN IL-PROĠETT F'ĦATTARD U OĦRAJN
BĦALU ĠEW MIBNIJA MINN DIN ID-DITTA
GĦAS-SODISFAZZJON PERFETT TAL-KLIENTI

**SAN ANTON ESTATE ATTARD**

Il-Każin tal-**Banda Żejtun** twieled bħala għaqda politika, jiġifieri bħala każin żejtuni tal-Labour Party fl-1927. Il-biċċa l-kbira tal-membri attivi kienu wkoll soċi-bandisti tal-każin tal-Banda Beland, iżda billi dik il-ħabta f'dan il-każin kien hemm president li ħareġ għall-politika ma' partit ieħor, dawna tgerrxu, telqu s-soċjetà tagħhom u fil-1928 ffurmaw "jazz band" fil-każin laborista.

# Iz-ZEJTUN Band Club

Din il-"jazz band" mxiet ħafna 'l quddiem, u barra minn f'laqgħat soċjali, tiġien eċċ., bdiet ukoll iddoqq fil-pubbliku, bħalma kien meta akkompanjat lill-għawwiem malti Turu Rizzu fil-għawma tiegħu min Sqallija għal Malta fil-1933.

Iżda meta nqala' l-inkwiet bejn il-Knisja u żewġ partiti politiċi fil-1929-30, is-soċi ta' dan il-każin raw li huma ma setgħux jibqgħu għal żmien twil miftumin min mal-knisja u għalhekk f'Marzu tal-1933 il-każin qata' kull konnessjoni li kellu mal-partit Laborista u fforma soċjetà mużikali u banda bl-isem ta' Żejtun Band.

Il-president baqa' l-istess wieħed ta' qabel is-sur Nikol Attard, u tista' tgħid li ma kienx hemm tibdil fil-mexxejja l-oħra.

Immedjatament li saret il-paċi mal-Knisja, is-soċjetà bdiet dejjem tiffjorixxi u l-banda tikber u timxi 'l quddiem. Iżda kien fil-laqgħa ġenerali tad-19 ta' Settembru 1933 li s-soċjetà ġiet formalment mibdula f'każin mużikali.

L-ewwel mexxej tal-banda kien Mro. Onorato Gauci mill-Isla, iżda ftit wara laħaq surmast-direttur is-sur Ġużeppi Dalli, Żejtuni, waqt li ibnu kien surmast ta' l-allievi.

L-ewwel programm ta' din il-banda kellu jsir fil-pjazza taż-Żejtun nhar il-Ħadd 17 ta' Settembru 1933. Dak in-nhar iżżanżnu ħames standarti tal-ħarir li ġew imberkin mill-arċipriet Dun Paċifiku Mifsud. Iżda l-programm tal-banda ma sarx billi l-awtorità tal-pulizija rtirat il-permess maħruġ għall-programm.

Fil-1939 it-tmexxija tal-banda għaddiet minn idejn is-surmast Dalli għal idejn ibnu Hector, li kien għamel l-istudju tiegħu fl-armonija kontrapont, strumentazzjoni u direzzjoni għand Mro. Casapinta.

Illum il-banda hi taħt it-tmexxija ta' Mro Edward Lowell.

Minn barra l-attivitajiet mużikali, li kienu jinkludu programmi fil-Belt f'bosta okkażżjonijiet u fi żjajjar Reali f'Malta, is-soċjetà tagħti lil membri tagħha bosta attivitajiet soċjali u ta' mogħdija taż-żmien bħalma huwa l-logħob tal-biljard, football u sports ieħor. Fil-każin jinstabu żewġ swali tal-Biljard u membri tas-soċjetà jieħdu parti regolari f'kompetizzjonijiet.

F'Awissu tas-sena 1946 s-soċjetà xtrat id-dar fejn kien il-każin u ftit wara xtrat ukoll il-ġnien li kien jiġi wara l-każin, sabiex b'hekk setgħet tibni Tijatru — Ċinema li jesa' mal-1000 ruħ. Dan it-Tijatru ġie inawgurat nhar l-1 ta' Ottubru 1955, meta l-istess banda tal-każin esegwiet programm vokali-strumentali.

Il-bini ta' dan it-tijatru kien possibbli bil-għajnuna finanzjarja ta' bosta membri li silfu lis-soċjetà somom ta' flus mingħajr imgħax jew b'imgħax baxxi, iżda l-akbar benefattur kien il-president preżenti l-Kaptan Serafin Xuereb M.B.E., li daħal għall-akbar pis f'dan is-self.

Hu pjaċir kbir li wieħed sar jaf li l-biċċa l-kbira ta' dan is-self ġie kollu mħallas lura, bil-ħerqa u taħbit mingħajr ħlas ta' dawk is-soċi u membri tal-kumitat li jieħdu ħsieb it-tmexxija taċ-Ċinema tal-Każin. Illum għalhekk iż-Żejtun Band Club tista' tiftaħar li għandha proprjeta' ta' fuq il-£50,000 u ta' min jagħti prosit lil mexxejja ta' din is-soċjetà li f'anqas minn tletin sena kellhom il-ħila jagħmlu dan il-progress finanzjarju.

Fil-każin naraw fost oġġetti oħra ġabra ta' ritratti awtografati tal-gvernaturi kollha mill-gwerra 'l hawn u ta' persunaġġi oħra bħalma huma t-tlett isqfijiet preżenti, kif ukoll ritratti ta' okkażżjonijiet solenni fl-istorja tas-soċjetà.

Il-kumitat ta' din is-soċjetà jieħu ħsieb ukoll il-lat spiritwali tas-soċi billi jorganizza quddiesa u tqarbina tal-preċett kull sena nhar Ħadd il-Palm.

Nhar il-Ħadd 22 ta' Ottubru 1967, is-soċjetà ġiet ikkonsagrata lil Qlub ta' Ġesù u ta' Marija mill-Eċċza. Tiegħu Mons. Isqof Gerada, li għall-okkażjoni qaddes fis-sala l-kbira tal-Każin.

Wara nofs inhar sar tratteniment kbir f'ġieħ l-istess Mons. Gerada li għalih kienu mistednin is-soċjetajiet l-oħra tar-raħal u bosta persuni distinti Żwieten.

Il-Banda esigwit programm mużikali quddiem il-każin.

Din l-okkażjoni tiġi kkommemorata ta' kull sena b'quddiesa u tqarbina missoċi u l-familji tagħhom u bi programm mill-Banda.

Kull sena fil-ġranet tal-Milied fiċ-Ċinema jiġi muri film b'xejn għat-tfal tas-soċi u għat-tfal tal-istituti taż-Żejtun u jingħataw premijiet.

Fil-każin isir parti għas-soċi u għal familji tagħhom.

Il-kumitat tas-soċjetà fis-sena 1970 ġie magħżul hekk:-

**President:** Kapt. S.C. Xuereb M.B.E.
**Viċi-President:** Is-Sur Walter R. Zahra
**Segretarju:** Is-Sur Karm Grima
**Assistent Segretarju:** Is-Sur Anġ. Vella
**Kaxxier:** Is-Sur Ġużeppi Attard
**Assistenti Kaxxiera:** Is-Sri. Ċensu Galea u E. Lungaro
**Direttur:** Is-Sur Frankie Camilleri
**Asst. Direttur:** Is-Sur Ġeneroz Vella
**Membri:** Is-Sri. Antonio Seychell, Francis Seychell, Charles Desira, Ġużeppi Magro, Ġużeppi Tabone, Charles Galea, S. Gerada, M. Busuttil, G. Camilleri u M. Buttigieg.

C.G.


JEKK GHANDEK BŻONN TIXTRI

- REFRIGERATORS
- COOKERS
- WASHING MACHINES

jew

- T.V. SET

għażel marka INDESIT

li ssibuhom għand:

CASSAR STORE

18, Mater Boni Consigli Street, Żejtun

fejn issibu wkoll:

LINEF
- TAPITI
- IMWEJJED
- SIĠĠIJIET

GHALL-KĊINA.

# Il-bini tal-gvern fiż-ZEJTUN

Il-Bini ta' Djar għall-Ħaddiema kien minn dejjem ix-xewqa tas-soċjetajiet li jirrappreżentaw diversi sezzjonijiet tal-poplu taż-Żejtun. Din ix-xewqa jew aħjar il-ħtieġa, tkompliet kibret meta kważi l-koppji kollha li jiżżewġu fiż-Żejtun, minħabba n-nuqqas ta' djar, ħtiġilhom li jfittxu f'irħula jew bliet oħra fejn jibdew il-ħajja tagħhom ġdida ta' miżżewġin. Dan bl-iżvantaġġi kollha li ġġib magħha din il-bidla. Difatti l-aħħar ċensiment juri nuqqas ta' 'l fuq minn 1000 ruħ fil-popolazzjoni żejtunija.

Għalhekk meta xhur ilu l-Ministru tal-Ġustizzja u Housing Dr. T. Caruana Demajo ħabbar li ż-Żejtun kellu jkun wieħed mill-lokalitajiet fejn kellhom jinbnew djar għall-ħaddiema, kulħadd feraħ u għorok idejh.

Il-problema kienet fejn kellu jinbena dan il-"housing estate" ġdid. L-ewwel ma ssemma kienet ix-xaqliba fi Triq Cachia Zammit, li kienet qed tiġi żviluppata għal bini. Iżda nqala' l-Industrial Estate fil-qrib, u għalhekk il-Kumitat Ċiviku taż-Żejtun talab li bejn il-fabbriki u d-djar għandu jkun hemm "green belt" jiġifieri biċċa art b'siġar u ħdura biex tifred lil dawk minn dawn. Iżda nstab li fil-pjanti proviżorji dan il-"green belt" kien ser ikun ħrafa, għax żgħira, jew jekk il-"green belt" jikber tonqos l-art għad-djar u l-housing estate jiġi żgħir wisq.

Għalhekk saret talba biex jingħażel lokal alternattiv, iżda dak li ġie propost ma jingħoġobx, għaliex il-lokal magħżul, f'Ħajt-il-Wied hu ħofra u maqgħad ta' l-ilma wara l-Knisja ta' San Klement u f'każ ta' xita qawwija ikun l-akbar diżastru għal min ikun joqgħod hemm. Ix-xewqa kienet ukoll li l-housing estate għandu jkun f'post prominenti u li jkun jiflaħ żvilupp serju. Il-post offert u deċiż illum jafu kulħadd u kulħadd għandu jaqbel li hu tajjeb u xieraq għal djar moderni għall-ħaddiema tagħna.

Dan il-Housing Estate ser ikun jikkonsisti f'146 dar u 60 flat. Ser ikun fih Skola Primarja, ċentru għall-ħwienet u ground għall-football. Il-pjanti saru mir-Royal Engineers, waqt li x-xogħol qed isir mid-Dipartiment tal-Public Works taħt is-sorveljanza ta' l-istess R.E.'s.

L-estate ser jinbena fuq art imtarrġa li minna wieħed jakkwista veduta sabiħa tal-bajjiet ta' Wied il-Għajn, ir-Ramla, Marsaxlokk u Delimara. Arkitett distint iddikjara li l-pjan u d-disinn ta 'dan l-iżvilupp hu wieħed mill-aħjar minn dawk li ġew esibiti dan l-aħħar.

B'differenza għall-pjanijiet ta' żvilupp tal-bini fl-imgħoddi, wieħed jinnota l-kwalità ta' xogħol li qed isir. Il-ġmiel tal-ġebla maltija qed jiġi rrispettat billi l-ħitan ta' barra huma kollha tal-franka waqt li l-faċċata ta' ġewwa tal-ħitan dobli huma bil-briks biex jassiguraw li ma jkunx hemm umdità. Bejn qoxra u oħra tad-dobblu tħalla spazju vojt biex it-tixrib tal-ħajt ta' barra ma jgħaddix għal ġewwa, u għal dan l-istess skop flok ktajjen tal-kantun li jorbtu l-qoxra ta' barra ma' ta' ġewwa qed isiru ktajjen tal-vireg tal-ħadid. U l-art taħt il-madum qed ukoll tingħata kisja konkos bix-xibka.

Tajba wkoll is-sistema li t-toroq qed jinfetħu kollha minn qabel u li s-servizzi tad-dranaġġ, ilma, elettriku u telefonn qed igħaddu minn kanal jew gandott wieħed biex f'każ ta' ħsarat ma jinfetħu ħafna bnadi fit-toroq lesti.

Għalkemm ħadd ma jista' jinnega li x-xogħol hu ta' kwalità superjuri, hu fatt li l-proġett kien miexi bil-mod wisq u għalhekk nifirħu naraw li ħarġu offerti li għalqu x-xahar l-ieħor biex jingħata xogħol bil-kuntratt, u billi bħalma jaf kulħadd il-bini bl-appalt jimxi aktar, nittamaw li ma ndumux ma naraw familji ġodda żwieten jokkupaw dawn id-djar ġodda u l-faċilitajiet l-oħrajn li ser jitilgħu f'dan il-housing estate żejtuni.

J.Z.

**Nota ta' l-Editur**

Nittamaw li dan it-tagħrif mogħti minn wieħed mill-qarrejja tagħna jiġi apprezzat mill-qarrejja l-oħra.

Nieħdu pjaċir ninnotaw fit-tagħrif li ser joħorġu kuntratti għal bini tad-djar u flats għax b'hekk dawna jitlestew aktar malajr. Fl-aħħar ħarġa konna kkommentajna fuq il-mixi bil-mod tal-proġett u għalhekk qed inħossu ruħna sodisfatti bil-progress li nistennew li jirriżulta minn xogħol bil-kuntratt.


**KING CO-OP**

**LEADS THE WAY . . .**

**Leads in QUALITY**

**Leads in EXPORT**

**80% of SPEL 65**

MANUFACTURED IN MALTA

is shipped to 25 countries including Denmark and the U.K.

**NATIONAL CHEMICAL (Malta) LTD.**

**INDUSTRIAL ESTATE, MARSA — Tel. 25922**